MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru. 370/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 03 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**ALBERT SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Albert Schembri ta' 50 sena, bin Manuel u Theresa nee Cauchi mwieled Luqa fil-25 ta' April 1956 u residenti 'Tereza' Triq San Guzepp, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 314656M.

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1. Talli f'Hal Luqa nhar is-16 ta' Marzu 2006 ghal habta ta' 9.00am., volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal akrtar minn hamsin liri Maltin izda anqas minn Lm500, fuq vettura numru RAV 405 ghad-detriment ta' Anna Croucher

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offizi fuq persuna ta wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe PC 480 Carmel Diacono, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-sevizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda prodotti miz-zewg nahat;

Ikkunsidrat:

Mill-assjem tal-provi prodotti rrizulta li fid-data u lok indikati, il-vettura proprjeta' ta' Anna Croucher sofriet danni meta' intlaqtet minn vettura misjuqa mill-imputat. Id-dinamika tal-incident jidher li sehh kif ser jinghad. Il-vettura ta' Croucher, Toyota RAV4, kienet ipparkeggata barra d-dar taghha, u milli jidher l-imputat, waqt li kien qed jimmanuvra l-vettura tieghu – Land Rover – 'il barra mill-garaxx tieghu, dan laqat it-Toyota u ghamel il-hsara fiha. Qieghed jigi allegat minn xhud tal-prosekuzzjoni, missier

Croucher, li l-imputat ghamel hekk mhux bi zball izda apposta u volontarjament biex jaghmel il-hsara fil-vettura ta’ Croucher. Irrizulta li kemm l-imputat kif ukoll il-familja ta’ Croucher huma xi ftit antagonizzati ma’ xulxin. L-imputat innega li laqat il-vettura ta’ Croucher, aktar u aktar li ghamel hekk volontarjament.

Il-Qorti trid tizen il-provi kollha u tara jekk effettivament il-hsara fuq it-Toyota gietx kommessa mill-imputat, u aktar importanti, gietx kommessa minnu volontarjament. Il-Qorti hi tal-fehma li l-hsara giet imwettqa minnu hu u jimmanuvra l-vettura barra mill-garaxx tieghu, izda jibqa’ dubju ragonevoli jekk dik il-hsara saretx apposta jew le. Li qieghed iqajjem dan id-dubju huwa precizament it-tip u l-ammont ta’ hsara sofferta. Ix-xhud li suppost ra l-incident isehh xehed li ra lill-imputat iross apposta bil-vettura tieghu fuq il-vettura tat-tifla tieghu. Din il-verzjoni hi ftit inverosimili ghall-Qorti. Meta wiehed iqis is-sahha li ghandha Land Rover fuq “gear” baxx meta din qed taqla’ minn wieqfa, bhall ma kien fil-kaz in ezami, jekk din verament tross ma’ vettura bhal ta’ Croucher bil-fors taghmel hafna aktar hsara minn dik ikkonstatata fuq it-Toyota. Huwa inspjegabbli kif b’azzjoni bhal dik attribwita lill-imputat ikun hemm biss ftit sinjali ta’ brix fuq it-Toyota. Tali hsara, fil-fehma tal-Qorti, tista’ tirrisulta biss minn manuvra involontarja u accidentali, u mhux minn azzjoni intenzjonali. Li kieku kien hekk, il-hsara kienet tkun hafna akbar.

Dan ma jfissirx, izda, li x-xhud tal-prosekuzzjoni ma qalx il-verita’, jew li ried b’xi mod jitfa’ xi tort fuq l-imputat. Il-Qorti tara li huwa verosimili li dan ix-xhud verament ra lill-imputat jolqot il-vettura ta’ bintu, izda minhabba l-animosita’ ta’ bejniethom interpreta din il-manuvra bhala wahda intenzjonali, haga li, kif gia rriteniet il-Qorti, hi assunzjoni inverosimili u ghal kollox gratuwita. Madankollu, peress li jidher li kien hemm kuntatt bejn dawn il-vetturi b’rizultat ta’ manuvra tal-imputat, hu ghandu jwiegeb ghal hsara involontarja, li huwa reat kompriz u involut f’dak ta’ hsara volontarja, ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u ghalhekk ser tinghata piena komplessiva ghaz-zewg imputazzjonijiet billi l-imputat jigi mehlus minn piena u jinghata liberazzjoni kkundizzjonata that id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 325, 328(d) u 95 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill-imputat Albert Schembri hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti hlief ghal dik ta' hsara volontarja, u minnflok issibu hati ta' hsara involontarja, u ghaldaqstant qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena milllum ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta .

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------